

**Is-Seba' Ħadd ta' matul is-Sena**
Il-Ħadd 19 ta' Frar 2023

# Aħbar Tajba

Lev 19, 1-2.17-18
Salm 102 (103), 1-2.3-4.8.10.12-13
1 Kor 3, 16-23
Mt 5, 38-48

"Ħobbu lill-għedewwa tagħkom u itolbu għal min jippersegwitakom,
**biex tkunu wlied Missierkom li hu fis-smewwiet."**

Għal ħafna, is-silta tal-lum fiha l-aktar ħaġa diffiċli li Ġesù jitlob minna – 'Ħobbu l-għedewwa tagħkom…' Kif tista' tħobb lil xi ħadd li dejjem iwaqqgħek għaċ-ċajt? Kif tista' tħobb lil xi ħadd li jkun weġġgħek jew qal xi ħaġa kontrik wara dahrek?

Darba kien hemm tifel li staqsa lill-kappillan kif tista' tħobb lill-għedewwa tiegħek. Ma setax jifhimha b'xejn. Għalxejn ipprova jispjegalu l-kappillan għax dan it-tifel ma setax iniżżilha li int tħobb lil xi ħadd li jittrattak ħażin. Sakemm darba waqt il-quddiesa l-kappillan ġab żewġ pezzi drapp, waħda kanvas aħrax u l-oħra kutra tal-flanella. Kif beda l-omelija talab lil dan it-tifel biex jitla' ħdejn l-ambone u l-ewwel tah il-kanvas u staqsieh biex jgħidlu xi ħaġa fuq il-materjal tiegħu. It-tifel dlonk qallu li kien iebes, aħrax u jigref.

Imbagħad tah il-kutra tal-flanella u għal din it-tifel qallu li kienet ratba u komda ħafna. Il-kappillan tgħidx kemm kien kuntent, reġa' ħadhom lura u talbu jmur lura f'postu.

Issa l-kappillan seta' jagħmel ir-riflessjoni tiegħu u qalilhom li n-nies li niltaqgħu magħhom kultant jixbhu ftit lil dan id-drapp. X'uħud jafu jkunu bħad-drapp l-iebes waqt li oħrajn bħal dak artab. Imbagħad kompla billi qalilhom li rridu noqogħdu attenti għax in-nies differenti ħafna mill-kutra u mill-kanvas. Dawk ma tantx jistgħu jinbidlu, jekk drapp iebes, drapp iebes se jibqa', sakemm ma jitqattax. U l-kutra l-istess. Imma n-nies jistgħu jinbidlu! Hawn il-kappillan xammar ftit il-kmiem tiegħu u ħares lejn fejn kien hemm it-tifel. Resaq lejn il-mikrofonu u kompla jgħid: "Aħsbu ftit. Qatt kien hemm xi ħadd li ttrattak bil-ħlewwa wara li int ma tantx ġibt ruħek sew?" Kien hemm ħafna li għamlu sinjal b'rashom li iva. "Kif ħassejtukom?" Fost il-ħafna tweġibiet li bdew ħerġin kien hemm tifla żgħira li qalet: "Tajjeb, u bdejt nipprova noqgħod aħjar!" Hawn il-kappillan kien wasal fejn xtaq u kkonkluda l-ħsieb tiegħu, "Prosit! Smajtuha x'qalet? Ippruvat tkun aħjar! Dak li qed jgħidilna Ġesù. Kull darba li nittrattaw b'mod tajjeb lil dawk li jkunu naqsuna, inkunu qed nagħtuhom messaġġ, u min jaf, forsi xi ħadd minnhom minn għadu jsir ħabib!"

Għalkemm mhux faċli li taħfer lil min jagħmillek il-ħsara u wisq inqas turih ħlewwa, imma Ġesù qed jurina li l-maħfra hi l-ewwel pass biex tibdel il-qlub ta' dawk ta' madwarek.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

GĦAJN, SINNA, BNIEDEM, DAQQA, QORTI, LIBSA, MANTAR, GĦAJREK, GĦADU, XEMX, ĦŻIENA, TAJBIN

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| P | IE | T | R | U | U | M | A | T | S |
| L | Ġ | W | A | N | N | I | X | A | M |
| I | Ġ | A | K | B | U | N | M | J | U |
| B | N | IE | D | E | M | D | U | B | N |
| S | N | Ġ | A | U | D | R | N | I | S |
| A | A | Ż | Q | O | R | T | I | N | I |
| B | T | E | Q | R | A | GĦ | A | J | N |
| A | A | B | A | D | GĦ | A | D | U | N |
| R | N | E | D | E | W | J | A | Ġ | A |
| T | M | A | N | T | A | R | W | A | N |
| I | J | M | A | T | X | E | M | X | N |
| L | E | W | J | T | I | K | Ġ | E | I |
| M | Ħ | Ż | IE | N | A | Ġ | E | S | Ù |



## X'qed jiġrilha l-klima?

Naħseb spiss tisma' nies jitkellmu fuq it-tibdil fil-klima. Qatt ħsibt għalfejn? Il-pjaneta tagħna, kif maħluqa minn Alla, suppost timxi b'mod naturali mal-istaġuni. Ir-rebbiegħa, is-sajf, il-ħarifa u x-xitwa. U f'dan l-ordni. Pero' b'dispjaċir qed nesperjenzaw tibdil fit-temperatura tal-pjaneta li donnu qed ifixkel ir-ritmu tal-istaġuni. B'hekk il-ħlejjaq kollha jkunu affettwati b'xi mod jew ieħor. Biżżejjed ngħidu li jekk it-temperatura ma tkunx addattata, iż-żerriegħa tal-frott ma tinbitx. Ma jkollniex uċuħ tar-raba' u lanqas is-siġar ma jagħmlu frott. Imbagħad? Kollox isofri u mmorru lura... aħna u l-annimali... Tinsiex, aħna nieklu kemm annimali u kemm pjanti.

In-nies qed jipproduċu ħafna gassijiet li jniġġżu l-arja. Dawn qed jinġemgħu madwar l-atmosfera naturali tagħna. Mhux posthom hemm, għax mhux suppost li nipproduċu tant li lanqas qed inlaħħqu magħhom... Imma hemm qed jinġemgħu. Kieku jkollna biżżejjed pjanti/siġar kieku dawn jeħdulna l-arja l-ħażina u jagħtuna arja tajba. Imma anke s-siġar qed innaqqsu.

Issa suppost li r-raġġi tax-xemx malli jaqgħu fuq id-dinja, parti jkunu assorbiti u wżati mill-ħlejjaq, u parti suppost ikunu riflessi lura. Imma jiġri li meta jkunu se joħorġu lura, jsibu dan is-saff ta' gassijiet u jissakkru ġewwa. Allura jsaħħnu lid-dinja b'mod mhux normali. Dan hu li qed iżid it-temperatura u allura jħawwad il-klima.

Mela kun għaqli/għaqlija... naqqas kemm u kif tista' t-tniġġiz tal-arja, ħawwel xi żewġ pjanti għax tkun qed tgħinna ħafna. Grazzi.






Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.



**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION